LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2020/1690 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Settembru 2020

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2015/510 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema

(BĊE/2020/45)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikoli 9.2, 12.1, 14.3, u 18.2, u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kisba ta' politika monetarja waħdanija tinvolvi d-definizzjoni tal-għodda, l-istrumenti u l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-Eurosistema sabiex dik il-politika tiġi implimentata b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Il-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ([1]) għandha tiġi emendata sabiex tinkludi aġġustamenti tekniċi u editorjali meħtieġa relatati ma' ċerti aspetti ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja.

(3) Sabiex titnaqqas il-kumplessità ġenerali tal-qafas tal-kollateral tal-Eurosistema, l-iskopertura għar-riskju tal-Eurosistema u l-piż operazzjonali fuq il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà, bonds koperti mhux leġiżlattivi (jiġifieri bonds koperti kuntrattwali) ma għandhomx jibqgħu jiġu aċċettati bħala kollateral tal-Eurosistema. Għalhekk, id-definizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet relatati ma' bonds koperti fil-qafas tal-kollateral tal-Eurosistema għandhom jiġu emendati biex jirrestringu t-tip ta' bonds koperti eliġibbli għal bonds koperti leġiżlattivi u *multi cédulas*.

(4) Sabiex tiġi riflessa s-sistema ta' żewġ livelli tal-Eurosistema għar-remunerazzjoni ta' investimenti ta' riżerva eċċessivi applikabbli mit-30 ta' Ottubru 2019 skont id-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/31) ([2]), għandu jiġi speċifikat liema qafas legali japplika għar-remunerazzjoni tar-riżervi minimi u ta' investimenti ta' riżerva eċċessivi.

(5) Biex titnaqqas aktar il-kumplessità tal-qafas tal-kollateral tal-Eurosistema, u b'kont meħud tal-punt limitat sa fejn intużaw, strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda valutazzjoni ta' kreditu xierqa ma għandhomx jibqgħu jiġu aċċettati bħala kollateral tal-Eurosistema wara perijodu ta' tranżizzjoni.

(6) Bil-ħsieb li jiġu riflessi l-innovazzjonijiet finanzjarji reċenti fil-qasam ta' finanzjament sostenibbli, l-Eurosistema għandha l-intenzjoni li taċċetta ċerti strumenti ta' dejn negozjabbli bi strutturi ta' kupuni marbuta mat-twettiq mill-emittent ta' miri ta' sostenibbiltà predefiniti.

(7) Għandu jiġi ċċarat li l-assi b'kupuni marbuta ma' rati ta' referenza interpolati huma eliġibbli biss taħt ċerti kundizzjonijiet, u dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu speċifikati.

(8) Sabiex jiġi stabbilit approċċ konsistenti u trasparenti għall-kategoriji ta' assi negozjabbli garantiti eliġibbli bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, assi negozjabbli garantiti minbarra ABSs u bonds koperti ma għandhomx jibqgħu jiġu aċċettati bħala kollateral tal-Eurosistema.

([1]) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

([2]) Deċiżjoni (UE) 2019/1743 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2019 dwar ir-remunerazzjoni ta' holidngs ta' eċċess ta' riżervi u ta' ċerti depożiti (BĊE/2019/31) (ĠU L 267, 21.10.2019, p. 12).

(9) Ir-rekwiżiti tad-*data* tal-livell ta' self għal titoli ggarantiti b'assi (ABSs) li huma eliġibbli bħala kollateral tal-Eurosistema għandhom jiġu aġġustati għal dawk l-ABSs li għalihom *data* tal-livell ta' self hija rrapportata skont ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(10) Ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-eliġibbiltà bħala kollateral tal-Eurosistema ta' pretensjonijiet ta' kreditu u għar-rapportar ta' *data* rigward pretensjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu emendati sabiex titjieb id-disponibbiltà tal-informazzjoni għal pretensjonijiet ta' kreditu skont il-qafas tal-kollateral, tiżdied iċ-ċarezza tar-regoli li jiddeterminaw l-eliġibbiltà ta' pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral u jiġu ċċarati l-proċeduri ta' verifika għal tali assi.

(11) Sabiex jiġu żgurati aktar trasparenza, konsistenza u ċertezza legali, il-kriterji ġenerali ta' aċċettazzjoni għal istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs) fil-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema (ECAF) għandhom jiġu ċċarati.

(12) Ir-regoli dwar l-użu ta' strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġa minn kontroparti jew mill-entitajiet marbutin mill-qrib magħha għandhom jiġu ssimplifikati.

(13) Sabiex tiżdied it-trasparenza tal-qafas tal-kontropartijiet tal-Eurosistema, id-dettalji relatati mat-tul tal-perijodu ta' konċessjoni applikabbli għal kontropartijiet li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' fondi proprji minimi għandhom jiġu ċċarati.

(14) Il-penali finanzjarja għal ksur relatat mal-użu ta' assi eliġibbli bħala kollateral tal-Eurosistema għandha tiġi aġġustata biex tipprovdi inċentivi lill-kontropartijiet biex jirrapportaw tali ksur b'mod proattiv.

(15) Għalhekk, il-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

adotta din il-linja gwida:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) hija emendata kif ġej:

1. l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (24a) li ġej:

"(24) 'bond kopert leġiżlattiv taż-ŻEE' tfisser bond kopert li jinħareġ skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament u tal-Kunsill (*);

(*) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).";

(b) il-punt (48) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(48) 'bond kopert jumbo' tfisser bond kopert leġiżlattiv taż-ŻEE b'volum ta' ħruġ ta' mill-inqas EUR 1 biljun, li għalih ta' mill-inqas tliet ġeneraturi tas-suq jipprovdu kwotazzjonijiet regolari ta' offerta u talba;";

(c) (c) jiddaħħal il-punt (49a) li ġej:

"(49a) 'bond kopert leġiżlattiv' tfisser bond kopert li huwa jew bond kopert leġiżlattiv taż-ŻEE jew bond kopert leġiżlattiv tal-G10 mhux taż-ŻEE;";

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

(d) jiddaħħal il-punt (68a) li ġej:

"(68a) 'bond kopert leġiżlattiv tal-G10 mhux taż-ŻEE' tfisser bond kopert maħruġ skont ir-rekwiżiti tal-qafas leġiżlattiv nazzjonali ta' bonds koperti ta' pajjiż tal-G10 li mhux taż-ŻEE;";

(e) il-punt (71) huwa mħassar;

(f) il-punt (88) huwa mħassar;

(g) jiddaħħal il-punt (88a) li ġej:

"(88a) 'mira ta' prestazzjoni tas-sostenibbiltà' (SPT) tfisser mira stabbilita mill-emittent f'dokument ta' ħruġ disponibbli pubblikament, li tkejjel titjib kwantifikat fil-profil ta' sostenibbiltà tal-emittent fuq perijodu ta' żmien predefinit b'referenza għal wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u/jew ma' wieħed jew aktar mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti relatati mat-tibdil fil-klima jew mad-degradazzjoni ambjentali (**);"

_____

(*) Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

(**) Li jinsabu fl-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015.";

(h) il-punt (94) huwa mħassar;

2. l-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Investimenti ta' riżerva li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' riżervi minimi skont ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) għandhom jiġu remunerati skont ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).";

(b) il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud:

"3. Investimenti ta' riżerva li jeċċedu r-riżervi minimi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu remunerati skont id-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/31) (*).

_____

(*) Deċiżjoni (UE) 2019/1743 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2019 dwar ir-remunerazzjoni ta' holdings ta' eċċess ta' riżervi u ta' ċerti depożiti (BĊE/2019/31) (ĠU L 267, 21.10.2019, p. 12).";

3. fl-Artikolu 61(1) is-sentenza li ġejja hija miżjuda:

"Assi bħal dawn għandhom ikunu eliġibbli biss sad-data li fiha s-Sistema Ġestjoni tal-Kollateral tal-Eurosistema tibda topera ("data tal-attivazzjoni diretta").";

4. l-Artikolu 63(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti ta' dejn għandu jkollhom waħda minn dawn l-istrutturi ta' kupun li ġejjin sal-fidi finali:"

(b) fil-punt (b), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) ir-rata ta' referenza hija biss waħda milli ġejjin f'mument partikolari:

— rata tas-suq tal-flus tal-euro, eż. ir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR) (inkluża l-€STR komposta jew l-€STR medja ta' kuljum), Euribor, LIBOR jew indiċi simili; għall-ewwel jew/u l-aħħar kupun ir-rata ta' referenza tista' tkun interpolazzjoni lineari bejn żewġ maturitajiet tal-istess rata tas-suq tal-flus tal-euro eż. interpolazzjoni lineari bejn żewġ maturitajiet differenti ta' Euribor,

— rata kostanti ta' swap ta' maturità eż. CMS, EIISDA, EUSA,

— ir-rendiment ta' bond wieħed tal-gvern taż-żona tal-euro, jew indiċi ta' bosta minnhom, li għandhom maturità ta' sena jew inqas,

— indiċi ta' inflazzjoni taż-żona tal-euro;";

(c) il-punt (c) li ġej huwa miżjud:

"(c) Kupuni multi-step jew varjabbli b'passi marbuta ma' SPTs, sakemm il-konformità tal-emittent mal-SPTs tkun soġġetta għal verifika minn parti terza indipendenti skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-istrument ta' dejn.";

5. jiddaħħal l-Artikolu 64a li ġej:

"Artikolu 64a

Assi negozjabbli minbarra ABSs u bonds koperti

1. Sabiex ikunu eliġibbli, assi negozjabbli minbarra ABSs, bonds koperti leġiżlattivi u *multi cédulas* għandhom ikunu obbligi mhux garantiti kemm tal-emittent kif ukoll tal-garanti. Għal assi negozjabbli b'aktar minn emittent wieħed jew b'aktar minn garanti wieħed, ir-rekwiżit f'dan il-paragrafu għandu japplika għal kull emittent u kull garanti.

2. Assi negozjabbli li huma ggarantiti u li kienu eliġibbli qabel l-1 ta' Jannar 2021 iżda li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kif stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jibqgħu eliġibbli sal-1 ta' Jannar 2026, sakemm jissodisfaw il-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà għal assi negozjabbli. B'deroga mill-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, bonds koperti li la huma bonds koperti leġislattivi u lanqas *multi cédulas*, għandhom isiru ineliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021.";

6. l-Artikolu 78 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. *Data* komprensiva u standardizzata tal-livell ta' self dwar l-aggregazzjoni ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu ABSs għandhom ikunu disponibbli skont il-proċeduri stabbiliti fl-Anness VIII.";

(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

7. l-Artikolu 80 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 80

Kriterji ta' eliġibbiltà għal bonds koperti ggarantiti minn titoli ggarantiti b'assi

1. Mingħajr preġudizzju għall-eliġibbiltà ta' bonds koperti leġiżlattivi skont l-Artikolu 64a, sabiex bonds koperti leġiżlattivi taż-ŻEE ggarantiti minn ABSs ikunu eliġibbli, l-aggregazzjoni ta' kopertura ta' tali bonds (għall-finijiet tal-paragrafi 1 sa 4, "l-aggregazzjoni ta' kopertura") għandu jkun fiha biss ABSs li jikkonformaw ma' dawn kollha li ġejjin.

(a) L-assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus li jiggarantixxu l-ABSs jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 129(1)(d) sa (f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(b) L-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus oriġinaw minn entità marbuta mill-qrib mal-emittent, kif deskritta fl-Artikolu 138.

(c) Huma jintużaw bħala għodda teknika biex jiġu ttrasferiti ipoteki jew self iggarantit fuq proprjetà immobbli mill-entità oriġinanti fl-aggregazzjoni ta' kopertura.

2. Soġġett għall-paragrafu 4, il-BĊNi għandhom jużaw il-miżuri li ġejjin biex jivverifikaw li l-aggregazzjoni ta' kopertura ma tinkludix ABSs li ma jikkonformawx mal-paragrafu 1.

(a) Fuq bażi trimestrali, il-BĊNi għandhom jitolbu awtoċertifikazzjoni u impenn mill-emittent li jikkonfermaw li l-aggregazzjoni ta' kopertura ma tinkludix ABSs li ma jikkonformawx mal-paragrafu 1. It-talba tal-BĊN għandha tispeċifika li l-awtoċertifikazzjoni trid tkun iffirmata mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) tal-emittent, mill-Uffiċjal Finanzjarju Eżekuttiv (CFO) jew minn maniġer ta' livell simili, jew minn firmatarju awtorizzat f'isimhom.

(b) Fuq bażi annwali, il-BĊNi għandhom jitolbu konferma *ex-post* minn awdituri esterni jew minn entitajiet ta' monitoraġġ tal-aggregazzjoni ta' kopertura mingħand l-emittent, li tikkonferma li l-aggregazzjoni ta' kopertura ma tinkludix ABSs li ma jikkonformawx mal-paragrafu 1 għall-perijodu ta' monitoraġġ.

3. Jekk l-emittent jonqos milli jikkonforma ma' talba partikolari jew jekk l-Eurosistema tikkonsidra l-kontenut ta' konferma bħala inkorrett jew insuffiċjenti sal-punt illi ma jkunx possibbli li tivverifika li l-aggregazzjoni ta' kopertura tikkonforma mal-kriterji fil-paragrafu 1, l-Eurosistema għandha tiddeċiedi li ma taċċettax il-bonds koperti leġiżlattivi taż-ŻEE bħala kollateral eliġibbli jew li tissospendi l-eliġibbiltà tagħhom.

4. Fejn il-leġiżlazzjoni jew il-prospett applikabbli jeskludu l-inklużjoni ta' ABSs li ma jikkonformawx mal-paragrafu 1 bħala assi tal-aggregazzjoni ta' kopertura, l-ebda verifika skont il-paragrafu 2 ma għandha tkun meħtieġa.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b), ir-rabtiet mill-qrib għandhom jiġu ddeterminati fil-ħin li l-unitajiet superjuri tal-ABSs huma ttrasferiti fl-aggregazzjoni ta' kopertura tal-bond kopert leġiżlattiv taż-ŻEE.

6. L-aggregazzjoni ta' kopertura ta' bonds koperti leġiżlattivi tal-G10 mhux taż-ŻEE ma għandhiex tinkludi ABSs.";

8. l-Artikolu 87 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

'(c) Jekk l-emittenti jew il-garanti huma 'entitajiet tas-settur pubbliku' kif iddefiniti fil-punt (75) tal-Artikolu 2 u mhumiex imsemmijin fil-punti (a) u (b), l-ebda valutazzjoni tal-kreditu impliċita ma għandha tiġi dderivata u l-istrumenti ta' dejn maħruġin jew iggarantiti minn dawn l-entitajiet għandhom ikunu ttrattati l-istess bħall-istrumenti ta' dejn maħruġin jew iggarantiti minn entitajiet tas-settur privat, jiġifieri bħala li ma għandhomx valutazzjoni ta' kreditu xierqa.';

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 61(1), jekk l-istrumenti tad-dejn ikunu maħruġa jew iggarantiti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro, il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha titwettaq mill-Eurosistema bbażata fuq regoli tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu applikabbli għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-pretensjonijiet ta' kreditu fil-Kapitolu 2 tat-Titolu III.";

(c) fit-Tabella 9, il-kliem "ittrattati bħal emittenti jew debituri tas-settur privat" huwa ssostitwit bi "ittrattati bħal emittenti jew debituri tas-settur privat, jiġifieri l-assi negozjabbli tagħhom mhumiex eliġibbli";

9. l-Artikolu 90 huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex ikunu eliġibbli, il-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin mill-mument li jiġu mobilizzati sal-fidi finali jew id-demobilizzazzjoni tagħhom:";

(b) il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) għandhom ammont prinċipali fiss u mingħajr kundizzjoni; u"

(c) fil-punt (b), il-kliem "rata tal-imgħax li għandha, sal-fidi finali, tkun waħda minn dawn li ġejjin;" huwa ssostitwit bil-kliem "rata tal-imgħax li għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:"

(d) fil-punt (b)(iii). l-inċiż "— rata tas-suq monetarju tal-euro, eż. Euribor, LIBOR jew indiċijiet simili;" huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"— rata tas-suq monetarju tal-euro, eż. €STR (inkluża €STR komposta jew €STR medja ta' kuljum), Euribor, LIBOR jew indiċijiet simili;";

10. l-Artikolu 100 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 100

Verifiki tal-proċeduri u s-sistemi użati għas-sottomissjoni ta' pretensjonijiet ta' kreditu

Il-BĊNi, jew superviżuri jew awdituri esterni, għandhom iwettqu verifika tal-adegwatezza tal-proċeduri u tas-sistemi użati mill-kontroparti biex tissottometti l-informazzjoni dwar pretensjonijiet ta' kreditu lill-Eurosistema qabel l-ewwel mobilizzazzjoni ta' pretensjonijiet ta' kreditu mill-kontroparti. Il-verifika tal-proċeduri u tas-sistemi sussegwentement għandha titwettaq mill-inqas darba kull ħames snin. Fil-każ ta' bidliet sinifikanti f'tali proċeduri jew sistemi, tista' ssir verifika ġdida.";

11. fl-Artikolu 101, il-punt (aa) ġdid li ġej jiddaħħal wara l-punt (a):

"(aa) Huma għandhom jirrikjedu li l-kontropartijiet jissottomettu b'rabta mal-pretensjonijiet ta' kreditu mmobilizzati bħala kollateral minn Mejju 2021, fejn applikabbli, l-identifikaturi rilevanti tal-bażi tad-*data* ta' kreditu analitiku (AnaCredit) (jiġifieri l-identifikatur tal-'Aġent Oservat', l-identifikatur tal-'Kuntratt' u l-identifikatur tal-'Istrument'), kif ippreżentati skont ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku skont ir-Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/13) (*).

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Mejju 2016 dwar il-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (BĊE/2016/13) (ĠU L 144, 1.6.2016, p. 44).";

12. fl-Artikolu 102, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-formalitajiet legali kollha meħtieġa biex jiżguraw il-validità tal-ftehim u biex jiżguraw l-immobilizzar ta' pretensjoni ta' kreditu bħala kollateral għandhom jiġu sodisfatti mill-kontroparti u/jew miċ-ċessjonarju, kif xieraq.";

13. fl-Artikolu 120, il-paragrafi 2 u 2a huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Wara l-proċess ta' applikazzjoni deskritt fl-Anness IXc, l-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddeċiedi jekk tibdiex proċedura ta' aċċettazzjoni fl-ECAF fuq talba minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (credit rating agency - CRA). Meta tagħmel id-deċiżjoni tagħha, l-Eurosistema għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fost affarijiet oħra, jekk is-CRA tipprovdix kopertura rilevanti għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IXa.

2a. Wara l-bidu ta' proċedura ta' aċċettazzjoni fl-ECAF, l-Eurosistema għandha tinvestiga l-informazzjoni addizzjonali kollha meqjusa rilevanti sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF, inkluża l-kapaċità tal-ECAI (i) li tissodisfa l-kriterji u r-regoli tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ECAF skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IX u l-kriterji speċifiċi fl-Anness IXb (jekk rilevanti), u (ii) li tikkonforma mal-kriterji ta' aċċettazzjoni stabbiliti fl-Anness IXc. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddeċiedi jekk taċċettax ECAI għall-finijiet tal-ECAF fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta u fuq il-valutazzjoni tagħha stess tad-diliġenza dovuta.";

14. l-Artikolu 138 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) rabtiet mill-qrib, kif definiti taħt il-paragrafu 2, maħluqa b'riżultat tal-eżistenza ta' entità tas-settur pubbliku taż-ŻEE li għandha d-dritt li timponi taxxi u hija jew (i) entità li tipposjedi direttament, jew indirettament permezz ta' impriża waħda jew aktar, 20 % jew aktar tal-kapital tal-kontroparti, jew (ii) parti terza li tippossjedi, direttament jew indirettament permezz ta' impriża waħda jew aktar, 20 % jew aktar tal-kapital tal-kontroparti, u 20 % jew aktar tal-kapital tal-entità l-oħra, sakemm ma jkun hemm l-ebda rabtiet mill-qrib oħra bejn il-kontroparti u l-entità l-oħra, ħlief għal rabtiet mill-qrib li jirriżultaw minn entità jew entitajiet tas-settur pubbliku taż-ŻEE li għandhom id-dritt li jimponu taxxi;

(b) Bonds koperti leġiżlattivi taż-ŻEE li:

(i) jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 129(1) sa (3) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) ma fihomx fl-aggregazzjoni ta' kopertura tagħhom strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġa mill-kontroparti jew minn kwalunkwe entità oħra marbuta mill-qrib ma' dik il-kontroparti, kif definit fil-paragrafu 2, u ggarantiti bis-sħiħ minn entità tas-settur pubbliku taż-ŻEE waħda jew aktar li għandhom id-dritt li jimponu taxxi; u

(iii) ikollhom klassifikazzjoni ta' ħruġ tal-ECAI kif definita fl-Artikolu 83(a) li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness IXb;

(c) RMBDs u DECCs mhux negozjabbli;";

(b) il-paragrafu 4 li ġej huwa miżjud:

"4. Jekk teħtieġ li tiġi vverifikata l-konformità mal-paragrafu 3(b)(ii), jiġifieri, għal bonds koperti leġiżlattivi taż-ŻEE, fejn il-leġiżlazzjoni applikabbli jew il-prospett ma jeskludux strumenti ta' dejn imsemmijin fil-paragrafu 3(b)(ii) bħala assi tal-aggregazzjoni ta' kopertura u fejn il-kontroparti jew entità marbuta mill-qrib mal-kontroparti tkun ħarġet dawn l-istrumenti ta' dejn, il-BĊNi jistgħu jieħdu l-miżuri kollha li ġejjin jew uħud minnhom sabiex iwettqu kontrolli *ad hoc* tal-konformità mal-paragrafu 3(b)(ii).

(a) Il-BĊNi jistgħu jiksbu rapporti ta' sorveljanza regolari li jipprovdu ħarsa ġenerali tal-assi fl-aggregazzjoni ta' kopertura ta' bonds koperti leġiżlattivi taż-ŻEE;

(b) Jekk ir-rapporti ta' sorveljanza ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni għall-finijiet ta' verifika, il-BĊNi jistgħu jiksbu awtoċertifikazzjoni u impenn tal-kontroparti li timmobilizza bond kopert leġiżlattiv taż-ŻEE li permezz tagħhom il-kontroparti għandha tikkonferma li l-aggregazzjoni ta' kopertura ta' bonds koperti leġiżlattivi taż-ŻEE ma tinkludix, bi ksur tal-paragrafu 3(b)(ii), bonds ta' banek mhux iggarantiti li jinħarġu minn dik il-kontroparti jew kwalunkwe entità oħra marbuta mill-qrib ma' dik il-kontroparti, u li huma ggarantiti bis-sħiħ minn entità pubblika waħda jew aktar taż-ŻEE li għandhom id-dritt li jimponu taxxi. Din l-awtoċertifikazzjoni tal-kontroparti għandha tiġi ffirmata mis-CEO tal-kontroparti, mis-CFO, jew minn maniġer anzjan simili, jew minn firmatarju awtorizzat f'isimhom.

(c) Fuq bażi annwali, il-BĊNi jistgħu jiksbu mingħand il-kontroparti li timmobilizza bond kopert leġiżlattiv taż-ŻEE konferma *ex post* minn awdituri esterni jew minn entitajiet ta' monitoraġġ tal-aggregazzjoni ta' kopertura li l-aggregazzjoni ta' kopertura ta' bonds koperti leġiżlattivi taż-ŻEE ma tinkludix, bi ksur tal-paragrafu 3(b)(ii), bonds tal-bank mhux iggarantiti li jinħarġu minn dik il-kontroparti jew minn kwalunkwe entità oħra marbuta mill-qrib ma' dik il-kontroparti, u huma ggarantiti bis-sħiħ minn entità tas-settur pubbliku taż-ŻEE waħda jew aktar li għandhom id-dritt li jimponu taxxi.

(d) Jekk il-kontroparti ma tipprovdix l-awtoċertifikazzjoni jew il-konferma msemmija fil-punti (b) u (c) fuq talba mill-BĊN, il-bond kopert leġiżlattiv taż-ŻEE ma għandux jiġi mmobilizzat bħala kollateral minn dik il-kontroparti.";

15. l-Artikolu 139 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa mħassar;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. F'każijiet eċċezzjonali, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi dwar derogi temporanji mill-Artikolu 138(1), billi jippermetti li kontroparti tuża strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġa minn dik il-kontroparti jew minn kwalunkwe entità oħra marbuta mill-qrib ma' dik il-kontroparti, u ggarantiti b'mod sħiħ minn entità tas-settur pubbliku taż-ŻEE waħda jew aktar li għandhom id-dritt li jimponu taxxi, għal massimu ta' tliet snin. Talba għal deroga għandha tkun akkumpanjata minn pjan ta' finanzjament mill-kontroparti li qed tagħmel it-talba li jindika l-mod kif l-immobilizzar tal-assi rispettivi jinqata' b'mod gradwali sa mhux aktar tard minn tliet snin wara l-għoti tad-deroga. Din id-deroga għandha tiġi pprovduta biss fejn in-natura tal-garanzija pprovduta minn gvern jew diversi gvernijiet ċentrali taż-ŻEE, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali jew entitajiet oħrajn tas-settur pubbliku li għandhom id-dritt li jimponu t-taxxi tikkonforma mar-rekwiżiti għall-garanziji stabbiliti fl-Artikolu 114.";

(c) il-paragrafi 3 u 4 huma mħassra;

16. fl-Artikolu 148, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-kontropartijiet jistgħu jimmobilizzaw assi eleġibbli minbarra depożiti ta' terminu fiss, għal użu transfruntier skont dawn li ġejjin:

(a) assi negozjabbli għandhom jiġu mobilizzati permezz ta' waħda minn dawn li ġejjin: (i) rabtiet eliġibbli; (ii) proċeduri applikabbli tas-CCBM; (iii) rabtiet eliġibbli flimkien mal-proċeduri tas-CCBM;

(b) DECCs u RMBDs għandhom jiġu mobilizzati skont il-proċeduri applikabbli tas-CCBM; u

(c) il-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu mmobilizzati permezz ta' (i) proċeduri tas-CCBM applikabbli jew (ii) skont proċeduri domestiċi, kif stabbilit fid-dokumentazzjoni nazzjonali rilevanti tal-BĊN domestiku.";

17. l-Artikolu 155 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'*Artikolu 155*

Penali finanzjarji għan-nonkonformità ma' ċerti regoli operazzjonali

1. Jekk kontroparti tonqos li tikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mill-obbligi msemmija fl-Artikolu 154(1), l-Eurosistema għandha timponi penali finanzjarja għal kull każ ta' nonkonformità. Il-penali finanzjarja applikabbli għandha tiġi kkalkulata skont l-Anness VII.

2. Fejn kontroparti tirrettifika nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(c), u tinnotifika lill-BĊN qabel ma l-kontroparti tkun ġiet innotifikata dwar in-nonkonformità mill-BĊN, mill-BĊE jew minn awditur estern ('ksur awtodikjarat'), il-penali finanzjarja applikabbli kif ikkalkulata skont l-Anness VII għandha titnaqqas b' 50 %. It-tnaqqis tal-penali finanzjarja għandu jkun applikabbli wkoll f'każijiet fejn il-kontroparti tinnotifika lill-BĊN bi ksur li ma ġiex skopert mill-BĊE jew mill-BĊN u b'rabta ma' assi li ġew demobilizzati. It-tnaqqis tal-penali finanzjarja ma għandux ikun applikabbli għal assi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' proċedura ta' verifika li tkun għaddejja li l-kontroparti tkun konxja tagħha minħabba notifika mill-BĊN, mill-BĊE jew minn awditur estern.";

18. fl-Artikolu 156(4), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ġiet imposta penali finanzjarja;"

19. l-Artikolu 158 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-kontropartijiet li huma soġġetti għal superviżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55(b)(i) iżda li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fuq bażi individwali u/jew ikkonsolidata, skont ir-rekwiżiti superviżorji, u l-kontropartijiet li huma soġġetti għal superviżjoni ta' standard komparabbli kif imsemmi fl-Artikolu 55(b)(iii) iżda li ma jissodisfawx rekwiżiti komparabbli għar-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fuq bażi individwali u/jew ikkonsolidata, għandhom jiġu awtomatikament limitati milli jaċċessaw operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema għal raġunijiet ta' prudenza. Il-limitazzjoni għandha tikkorrispondi għal-livell ta' aċċess għal operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema prevalenti fiż-żmien li tali sottokapitalizzazzjoni hija nnotifikata lill-Eurosistema. Din il-limitazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura diskrezzjonali oħra li tista' tieħu l-Eurosistema. Jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji ma tkunx ġiet irrestawrata permezz ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni adegwati u f'waqthom mhux aktar tard minn 20 ġimgħa mid-data ta' referenza tal-eżerċizzju ta' ġbir ta' *data* li fih ġiet identifikata n-nonkonformità, il-kontropartijiet għandhom awtomatikament jiġu sospiżi milli jaċċessaw operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema għal raġunijiet ta' prudenza.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fil-kuntest tal-valutazzjoni tagħha tas-soliditá finanzjarja ta' kontroparti skont l-Artikolu 55(c) u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura diskrezzjonali oħra, l-Eurosistema tista' tillimita, għal raġunijiet ta' prudenza, l-aċċess għal operazzjonijiiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema minn dawn il-kontropartijiet:

(a) kontropartijiet li għalihom l-informazzjoni dwar proporzjonijiet kapitali taħt ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma tkunx kompluta jew disponibbli għall-BĊN rilevanti u għall-BĊE fil-ħin u sa mhux aktar tard minn 14-il ġimgħa mit-tmiem tat-trimestru rilevanti;

(b) kontropartijiet li ma jkunux meħtieġa jirrapportaw proporzjonijiet kapitali taħt ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 iżda li għalihom informazzjoni ta' standard komparabbli kif imsemmi fl-Artikolu 55(b)(iii) ma tkunx kompluta jew disponibbli għall-BĊN rilevanti u għall-BĊE fil-ħin u sa mhux aktar tard minn 14-il ġimgħa mit-tmiem tat-trimestru rilevanti;

L-aċċess għandu jiġi rrestawrat ladarba l-informazzjoni rilevanti tkun ġiet magħmula disponibbli għall-BĊN rilevanti u jkun ġie stabbilit li l-kontroparti tissodisfa l-kriterju ta' soliditá finanzjarja skont l-Artikolu 55(c). Jekk l-informazzjoni rilevanti ma tkunx ġiet magħmula disponibbli sa mhux aktar tard minn 20 ġimgħa mit-tmiem tat-trimestru rilevanti, l-aċċess tal-kontroparti għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema għandu jiġi sospiż awtomatikament għal raġunijiet ta' prudenza.";

20. fl-Artikolu 159(4), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) assi maħruġa, ko-maħruġa, isservizzjati jew iggarantiti minn kontropartijiet, jew minn entitajiet marbutin mill-qrib ma' kontropartijiet li fir-rigward tagħhom il-Kunsill Governattiv tal-BĊE issospenda, illimita jew eskluda l-aċċess tagħhom għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.";

21. L-Annessi I, VIII, IXa u XII huma emendati skont l-Anness I għal din il-Linja Gwida;

22. It-test fl-Anness II għal din il-Linja Gwida huwa miżjud bħala Anness IXc ġdid.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mill-1 ta' Jannar 2021. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mis-6 ta' Novembru 2020.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Settembru 2020.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

L-Annessi I, VIII, IXa u XII għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) huma emendati kif ġej:

1. it-tieni sentenza fil-paragrafu 5 fl-Anness I, hija sostitwita b'dan li ġej:

   "Dawn l-istituzzjonijiet jinkludu, fost l-oħrajn, istituzzjonijiet soġġetti għal miżuri ta' riorganizzazzjoni, istituzzjonijiet soġġetti għall-iffriżar ta' fondi u/jew miżuri oħrajn imposti mill-Unjoni skont l-Artikolu 75 tat-Trattat jew minn Stat Membru li jirrestrinġu l-użu tal-fondi tagħhom jew għal deċiżjoni tal-Eurosistema li tissospendi jew teskludi l-aċċess tagħhom għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ jew għall-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema.";

2. l-Anness VIII huwa emendat kif gej:

   (a) fit-Taqsima 2, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

      "2. L-ABSs li għalihom jintuża l-mudell tar-rapportar tad-*data* tal-livell ta' self tal-BĊE għandhom jiksbu livell ta' konformità minimu obbligatorju ta' punteġġ tad-*data* A1, ivvalutat b'referenza għad-disponibbiltà ta' informazzjoni, b'mod partikolari l-oqsma tad-*data* tal-mudell tar-rapportar tad-*data* tal-livell ta' self, ikkalkulati skont il-metodoloġija stabbilita fit-Taqsima III ta' dan l-Anness. Minkejja l-valuri meħtieġa tal-punteġġ stipulati fit-Taqsima III fir-rigward tad-*data* tal-livell ta' self, l-Eurosistema tista' taċċetta bħala kollateral ABSs li għalihom jintużaw il-mudelli ta' rapportar tad-*data* tal-livell ta' self b'punteġġ aktar baxx mill-valur tal-punteġġ meħtieġ (A1), fuq bażi ta' każ b'każ u soġġett għall-għoti ta' spjegazzjonijiet adegwati għan-nuqqas ta' kisba tal-punteġġ meħtieġ. Għal kull spjegazzjoni adegwata, l-Eurosistema tispeċifika livell massimu ta' tolleranza u orizzont ta' tolleranza, kif speċifikat ulterjorment fis-sit elettroniku tal-BĊE. L-orizzont ta' tolleranza jindika l-perijodu ta' żmien li matulu l-kwalità tad-*data* għall-ABSs trid titjieb.";

   (b) fit-Taqsima II, fil-paragrafu 3, il-kliem "mudelli għar-rapportar ta' *data* tal-livell ta' self" huwa sostitwit bil-kliem "mudelli tal-BĊE għar-rapportar ta' *data* tal-livell ta' self";

   (c) fit-Taqsima III, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   IL-METODOLOĠIJA TAL-PUNTEĠĠI TAD-*DATA* TAL-BĊE";

   (d) fit-Taqsima IV, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   IL-ĦATRA MILL-EUROSISTEMA TA' REPOŻITORJI TAD-*DATA* TAL-LIVELL TA' SELF"

   (e) fit-Taqsima IV(I), il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

      "1. Biex jiġu maħtura mill-Eurosistema, ir-repożitorji tad-*data* tal-livell ta' self għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Eurosistema applikabbli, inkluż aċċess miftuħ, nondiskriminazzjoni, kopertura, struttura ta' governanza xierqa u trasparenza.";

3. fl-Anness IXa, it-Taqsima 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "1. Il-kopertura hija kkalkulata fuq il-bażi ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu maħruġa jew approvati mis-CRA skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u li tissodisfa r-rekwiżiti kollha l-oħra għall-finijiet tal-ECAF. Għal kopertura storika, jiġu kkunsidrati biss ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tal-kollateral tal-Eurosistema li kienu fis-seħħ fil-mument rilevanti u biss dawk il-klassifikazzjonijiet li kienu nħarġu jew ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 fiż-żmien rilevanti.";

4. fl-Anness XII, it-terminu "bond kopert jumbo li jikkonforma mal-UCITS" huwa sostitwit bit-terminu "bond kopert jumbo".

ANNESS II

L-Anness IXc ġdid li ġej huwa miżjud:

"ANNESS IXc

IL-KRITERJI TA' AĊĊETTAZZJONI TAL-ECAI U L-PROĊESS TA' APPLIKAZZJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi fid-dettall il-kriterji ta' aċċettazzjoni għal istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs) u l-proċess għal aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA) biex japplikaw biex jiġu aċċettati bħala ECAI skont il-qafas ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema (ECAF), kif ipprovdut fl-Artikolu 120 ta' din il-Linja Gwida.

I. IL-PROĊESS TA' APPLIKAZZJONI GĦALL-AĊĊETTAZZJONI BĦALA ECAI SKONT L-ECAF

1. Applikazzjoni minn CRA għall-aċċettazzjoni bħala ECAI skont l-ECAF trid tiġi sottomessa lid-Direttorat tal-Ġestjoni tar-Riskji tal-BĊE (DRMSecretariat@ecb.europa.eu). L-applikazzjoni għandha tipprovdi raġunament xieraq u dokumentazzjoni ta' sostenn kif stabbilit fit-Taqsima II, li turi l-konformità tal-applikant mar-rekwiżiti għall-ECAIs stabbiliti f'din il-Linja Gwida. L-applikazzjoni, ir-raġunament u d-dokumentazzjoni ta' sostenn għandhom ikunu ppreżentati bil-miktub bl-Ingliż, permezz ta' kwalunkwe mudell applikabbli u f'format elettroniku.

2. Fl-ewwel stadju tal-proċess ta' applikazzjoni, is-CRA trid turi l-konformità tagħha mar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 120 ta' din il-Linja Gwida u fl-Anness IXa għaliha, kif ukoll f'dan l-Anness, u, jekk l-applikazzjoni tas-CRA li għandha tiġi aċċettata taħt l-ECAF kienet irrifjutata qabel mill-Eurosistema, kif indirizzat in-nonkonformità preċedenti tagħha. Il-passi individwali f'dan l-ewwel stadju huma kif ġej.

   (a) Is-CRA għandha tipprovdi lill-BĊE d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni stabbiliti fit-Taqsima II.1 hawn taħt. Is-CRA tista' tipprovdi wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra li tqis rilevanti biex turi l-konformità tagħha mar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti u, jekk applikabbli, kif is-CRA rrimedjat in-nonkonformità preċedenti tagħha.

   (b) Il-BĊE jivvaluta jekk id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni pprovduti fit-Taqsima II.1 hijiex kompluta. Jekk l-informazzjoni ma tkunx kompluta, il-BĊE jitlob lis-CRA biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

   (c) F'konformità mat-Taqsima II.2, il-BĊE jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni supplimentari neċessarja biex jibda l-valutazzjoni tiegħu tal-konformità tas-CRA mar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti u, jekk applikabbli, kif is-CRA rrimedjat in-nonkonformità preċedenti tagħha.

   (d) Wara li l-BĊE jkun ivvaluta applikazzjoni bħala kompluta u wara li jkun talab u rċieva kwalunkwe informazzjoni supplimentari, jekk ikun meħtieġ, il-BĊE jinnotifika lis-CRA kif meħtieġ.

   (e) Il-BĊE jivvaluta jekk is-CRA tikkonformax mar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 120 ta' din il-Linja Gwida u fl-Anness IXa għaliha, kif ukoll f'dan l-Anness, abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont it-Taqsima II.1 u 2, filwaqt li jieħu kemm perspettiva kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva tal-kunċett ta' kopertura kif speċifikat aktar fit-Taqsima III.2.

   (f) Bħala parti mill-valutazzjoni tiegħu tal-konformità tas-CRA mar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti, il-BĊE jista' jitlob lis-CRA tagħti aċċess għar-rapporti ta' klassifikazzjoni biex turi l-konformità tal-klassifikazzjonijiet mar-rekwiżiti tal-ECAF.

   (g) Il-BĊE jista' jitlob kjarifiki jew informazzjoni addizzjonali mingħand is-CRA fi kwalunkwe ħin matul il-valutazzjoni tiegħu tar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti u, jekk applikabbli, kif is-CRA tkun irrimedjat in-nonkonformità preċedenti tagħha.

   (h) L-Eurosistema tadotta deċiżjoni motivata dwar il-konformità tas-CRA mar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti u, jekk applikabbli, kif is-CRA tkun irrimedjat in-nonkonformità preċedenti tagħha. Hija tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lis-CRA kkonċernata. Fejn l-Eurosistema tiddeċiedi li s-CRA ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti u/jew, jekk applikabbli, ma tkunx irrimedjat in-nonkonformità preċedenti tagħha, hija tipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha fin-notifika.

   (i) Fl-istess ħin ma' kwalunkwe deċiżjoni nnotifikata lis-CRA taħt il-punt (h), l-Eurosistema tinnotifika lis-CRA dwar jekk hija teżerċitax id-dritt riżervat tagħha li tiddeċiedi li ma tibdiex proċedura ta' aċċettazzjoni fl-ECAF skont l-Artikolu 120(2) ta' din il-Linja Gwida, jiġifieri, li ma tippermettix lil CRA tipproċedi għat-tieni stadju tal-proċess ta' applikazzjoni. L-Eurosistema tipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha fin-notifika. Sabiex tappoġġa tali deċiżjoni, l-Eurosistema tista' tikkunsidra, fost affarijiet oħra, jekk l-informazzjoni pprovduta mis-CRA jew

idderivata minn sorsi oħra tqajjimx tħassib materjali li l-aċċettazzjoni tas-CRA fl-ECAF tipprevjeni l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF jew ma tkunx skont il-prinċipji tal-funzjoni tal-kontroll tar-riskju tal-ECAF għall-qafas ta' kollateral tal-Eurosistema.

3. Jekk il-BĊE jiddeċiedi li s-CRA tikkonforma mar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti u, fejn applikabbli, tkun irrimedjat in-nonkonformità preċedenti tagħha u l-BĊE jiddeċiedi li jibda proċedura ta' aċċettazzjoni fl-ECAF, is-CRA tista' tipproċedi għat-tieni stadju tal-proċess ta' applikazzjoni. Fit-tieni stadju, is-CRA trid turi li hija konformi mar-rekwiżiti rilevanti l-oħra kollha stabbiliti f'din il-Linja Gwida. Il-passi individwali fit-tieni stadju huma kif ġej.

(a) Is-CRA għandha tipprovdi lill-BĊE d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni stabbiliti fit-Taqsima II.3. Is-CRA tista' tipprovdi wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra li tqis rilevanti biex turi l-konformità tagħha mar-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Linja Gwida.

(b) Il-BĊE jivvaluta jekk id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni pprovduti b'rabta mat-Taqsima II.3 humiex kompluti. Jekk l-informazzjoni ma tkunx kompluta, il-BĊE jitlob lis-CRA biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

(c) Skont it-Taqsima II.4, il-BĊE jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni supplimentari meħtieġa biex jibda l-valutazzjoni tiegħu tal-konformità tas-CRA mar-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Linja Gwida.

(d) Wara li l-BĊE jkun ivvaluta applikazzjoni bħala kompluta u wara li jkun talab u rċieva kwalunkwe informazzjoni supplimentari, jekk ikun meħtieġ, b'rabta mal-kopertura, il-BĊE jinnotifika lis-CRA kif meħtieġ.

(e) L-Eurosistema tivvaluta jekk is-CRA tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Linja Gwida abbażi tad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni pprovduti skont it-Taqsima II.3 u 4 u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli minn sorsi oħra, inkluż is-sit elettroniku tas-CRA. Hija twettaq il-valutazzjoni tagħha bil-ħsieb li tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF, billi żżomm ir-rekwiżit tal-Eurosistema għal standards ta' kreditu għoljin għal assi eliġibbli u tissalvagwardja l-funzjoni ta' kontroll tar-riskju tal-ECAF għall-qafas ta' kollateral tal-Eurosistema.

(f) Bħala parti mill-valutazzjoni tagħha tal-kapaċità tas-CRA li tissodisfa l-kriterji u r-regoli tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ECAF, l-Eurosistema tapplika l-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ECAF deskritt fl-Artikolu 126 ta' din il-Linja Gwida, għall-klassifikazzjonijiet tas-CRA, billi tkopri mill-inqas tliet snin u preferibbilment ħames snin qabel l-applikazzjoni, skont it-Taqsima II.3 u t-Taqsima III. L-Eurosistema tista' tivvaluta wkoll il-klassifikazzjonijiet attwali tas-CRA meta mqabbla ma' sistemi oħra ta' valutazzjoni tal-kreditu, abbażi tal-esperjenza u l-għarfien tagħha miksuba taħt l-ECAF.

(g) Bħala parti mill-valutazzjoni tagħha, l-Eurosistema tista' titlob lis-CRA tagħmel arranġamenti għal żjara waħda jew aktar fuq il-post mill-persunal tal-Eurosistema fil-bini tas-CRA u/jew għal laqgħat diretti tal-persunal tas-CRA rilevanti mal-persunal tal-Eurosistema fil-bini tal-BĊE. Jekk tkun meħtieġa żjara jew laqgħa bħal dik, għandha tiġi kkunsidrata bħala rekwiżit obbligatorju tal-proċess tal-applikazzjoni.

(h) Bħala parti mill-valutazzjoni tagħha, l-Eurosistema tista' teħtieġ li s-CRA tagħti aċċess għar-rapporti ta' klassifikazzjoni biex turi l-konformità tal-klassifikazzjonijiet tal-assi mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Anness IXb u d-disponibbiltà ta' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Artikolu 120 speċifikati aktar fit-Taqsima III.3.

(i) L-Eurosistema tista' titlob kjarifiki jew informazzjoni addizzjonali mis-CRA fi kwalunkwe ħin matul il-valutazzjoni tagħha.

(j) L-Eurosistema tadotta deċiżjoni motivata dwar il-konformità tas-CRA mar-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Linja Gwida u l-aċċettazzjoni tagħha bħala ECAI fl-ECAF. Hija tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lis-CRA kkonċernata. Fejn il-BĊE jiddeċiedi li s-CRA ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Linja Gwida u ma għandhiex tiġi aċċettata bħala ECAI fl-ECAF, huwa għandu jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu fin-notifika.

(k) Jekk l-Eurosistema tiddeċiedi li taċċetta lis-CRA bħala ECAI fl-ECAF, il-BĊE jinnotifika wkoll lis-CRA dwar il-passi li jmiss meħtieġa biex is-CRA tiġi integrata bħala ECAI fl-ECAF f'livell operazzjonali.

II. L-INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA SABIEX APPLIKAZZJONI GĦALL-AĊĊETTAZZJONI FL-ECAF TITQIES KOMPLUTA

1. Fir-rigward tal-ewwel stadju tal-proċess ta' applikazzjoni, CRA għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja.

(a) L-istimi tas-CRA tal-kopertura ta' klassifikazzjoni tagħha stess.

(b) Dikjarazzjoni ċċertifikata mis-CRA li tiċċertifika l-konformità tagħha mar-rekwiżiti kollha tal-ECAF li jinsabu f'din il-Linja Gwida li għalihom tista' tivvaluta l-konformità tagħha stess.

(c) *Data* dwar il-klassifikazzjonijiet diżaggregata fuq livell ta' klassifikazzjoni granulari biex tippermetti lill-BĊE jikkonferma l-konformità tas-CRA mar-rekwiżiti ta' kopertura rilevanti. Id-*data* dwar il-klassifikazzjonijiet trid tiġi sottomessa fil-mudelli applikabbli tal-BĊE disponibbli pprovduti mill-BĊE u li fihom struzzjonijiet dwar il-preżentazzjoni tad-*data*. Id-*data* għandha tkopri l-klassifikazzjonijiet kollha tal-assi, tal-emittenti u tal-garanti li huma eliġibbli għall-finijiet ta' ECAF skont din il-Linja Gwida kif ukoll informazzjoni statika dwar l-assi, l-emittenti u l-garanti relatati kif ipprovdut fil-mudelli.

(d) *Data* dwar il-klassifikazzjonijiet li turi l-kopertura ta' klassifikazzjoni meħtieġa fil-ħin tal-applikazzjoni u f'kull waħda mit-tliet snin ta' qabel l-applikazzjoni, jiġifieri, 36 xahar qabel id-data tal-applikazzjoni. Id-*data* dwar il-klassifikazzjonijiet trid turi l-kopertura meħtieġa b'ritratti tad-*data* mkejla f'kull intervall ta' sitt xhur fis-36 xahar rilevanti qabel l-applikazzjoni.

(e) Jekk l-applikazzjoni tas-CRA li għandha tiġi aċċettata taħt l-ECAF ġiet miċħuda qabel mill-Eurosistema, dokumentazzjoni ta' sostenn li turi kif hija indirizzat in-nonkonformità preċedenti tagħha.

2. Il-BĊE jista' jitlob informazzjoni supplimentari, pereżempju, li turi l-istabbiltà tal-kopertura tas-CRA matul iż-żmien, il-prattiki tal-ħruġ tal-klassifikazzjonijiet tas-CRA u l-kwalità tal-klassifikazzjonijiet tas-CRA matul il-perijodu ta' kopertura rilevanti.

3. Fir-rigward tat-tieni stadju tal-proċess ta' applikazzjoni, CRA għandha tipprovdi d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li ġejjin:

(a) Deskrizzjoni tal-organizzazzjoni tas-CRA, inkluża l-istruttura korporattiva u ta' sjieda tagħha, l-istrateġija tan-negozju tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-istrateġija tagħha li żżomm kopertura rilevanti għall-finijiet tal-ECAF, u l-proċess ta' klassifikazzjoni tagħha, b'mod partikolari kif inhuma komposti l-kumitati tal-klassifikazzjoni u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.

(b) Id-dokumenti kollha rilevanti għall-metodoloġiji tagħha ta' klassifikazzjoni, l-iskala/i ta' klassifikazzjoni u definizzjonijiet ta' inadempjenza.

(c) Rapporti ġodda dwar il-ħruġ, il-klassifikazzjoni u s-sorveljanza relatati mal-klassifikazzjonijiet magħżula mill-BĊE.

(d) Ir-rekord storiku tal-avvenimenti ta' inadempjenza tas-CRA li jkopru mill-inqas tliet snin u preferibbilment ħames snin kif ukoll id-definizzjoni ta' inadempjenza użata mis-CRA, sabiex l-Eurosistema twettaq monitoraġġ *ex post* tal-prestazzjoni tas-CRA f'konformità mal-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni. Dan jifforma wkoll il-bażi għall-immappjar tal-klassifikazzjonijiet skont l-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema. Is-sottomissjoni għandha tinkludi:

(i) *data* globali diżaggregata dwar il-klassifikazzjonijiet kollha, inklużi dawk li mhumiex eliġibbli għall-ECAF, pereżempju minħabba restrizzjonijiet ġeografiċi jew restrizzjonijiet oħrajn;

(ii) tabelli korrispondenti ta' tranżizzjoni tal-klassifikazzjoni u statistika dwar l-inadempjenza.

Id-*data* tal-klassifikazzjoni diżaggregata trid tiġi ppreżentata fil-mudelli tal-BĊE applikabbli li huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE u li fihom struzzjonijiet dwar il-preżentazzjoni tad-*data*. Id-*data* għandha tkopri l-klassifikazzjonijiet kollha tal-assi, tal-emittenti u tal-garanti li huma eliġibbli għall-finijiet tal-ECAF skont din il-Linja Gwida kif ukoll informazzjoni statika dwar l-assi, l-emittenti u l-garanti relatati kif ipprovdut fil-mudelli.

(e) Informazzjoni dwar l-aspetti operazzjonali ta' kif l-Eurosistema tkun tista' taċċessa u tuża l-klassifikazzjonijiet tas-CRA, inklużi l-feed tad-*data* tas-CRA, it-tariffi u l-arranġamenti kuntrattwali meħtieġa biex jiġu aċċessati l-klassifikazzjonijiet.

4. Il-BĊE jista' jitlob informazzjoni supplimentari rilevanti mingħand is-CRA, bħal fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet tas-CRA tal-assi, tal-emittenti u tal-garanti li mhumiex eliġibbli taħt l-ECAF, pereżempju, minħabba restrizzjonijiet ġeografiċi.

III. KRITERJI TA' AĊĊETTAZZJONI FL-ECAF

1. Sabiex tiġi aċċettata fl-ECAF, CRA trid tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli f'din il-Linja Gwida, inkluża kopertura rilevanti sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF, il-kriterji operazzjonali, id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAI u għall-finijiet tal-proċessi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-kapaċità li jiġu ssodisfati l-kriterji u r-regoli tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni ECAF.

2. Fir-rigward tar-rekwiżit ta' kopertura rilevanti:

   (a) CRA trid tikkonforma mar-rekwiżiti ta' kopertura speċifikati fl-Anness IXa ta' din il-Linja Gwida.

   (b) klassifikazzjonijiet li fil-fatt inħarġu jew ġew approvati mis-CRA biss skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 fil-mument rilevanti fit-tliet snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni huma kkunsidrati mill-Eurosistema; klassifikazzjonijiet retrospettivi mhumiex aċċettati.

   (c) l-Eurosistema tqis l-istabbiltà tal-kopertura rilevanti matul iż-żmien, inkluż il-pass ta' kwalunkwe żieda jew tnaqqis f'tali kopertura.

3. Fir-rigward tad-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAI u għall-finijiet tal-proċessi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni:

   (a) CRA trid tiżgura livelli għoljin ta' trasparenza f'dokumenti rilevanti għall-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tagħha u għall-azzjonijiet attwali ta' klassifikazzjoni. Is-CRA għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tinftiehem valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI, bħar-rapporti tal-klassifikazzjoni jew tas-sorveljanza jew pubblikazzjonijiet oħra fuq is-sit web tagħha, tkun faċilment aċċessibbli u tinftiehem. Jekk klassifikazzjoni tal-assi speċifika ma tikkonformax mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni applikabbli, din tagħmilha ineliġibbli għall-finijiet tal-ECAF iżda tista' titqies fil-valutazzjoni tal-Eurosistema tat-trasparenza tal-proċessi ta' klassifikazzjoni ġenerali tas-CRA.

   (b) CRA trid tiżgura t-trasparenza fir-rigward tal-proċess ta' klassifikazzjoni tagħha u kif iżżomm prattiki ta' ħruġ ta' klassifikazzjoni tajba. Id-dokumenti kollha metodoloġiċi għandhom juru għarfien espert u l-metodoloġiji għandhom iqisu l-informazzjoni kollha rilevanti għall-fini tal-ħruġ tal-valutazzjonijiet tal-kreditu. F'dan ir-rigward, l-Eurosistema tista' tanalizza, fost affarijiet oħra, in-numru ta' klassifikazzjonijiet maħruġa għal kull analista, id-daqs, il-kompożizzjoni u l-kompetenza tal-membri tal-kumitat ta' klassifikazzjoni, il-grad ta' indipendenza tal-kumitat ta' klassifikazzjoni mill-analisti tal-klassifikazzjonijiet, il-frekwenza ta' reviżjonijiet tal-klassifikazzjonijiet u r-raġunijiet għal ħruġ kbir ta' klassifikazzjonijiet. L-Eurosistema tista' tikkunsidra kwalunkwe miżura superviżorja attwali u preċedenti mill-ESMA kontra CRA skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 fil-valutazzjoni tagħha tal-affidabbiltà u l-kwalità ta' proċessi u prattiki ta' klassifikazzjoni ta' CRA.

   (c) CRA għandha tapplika l-metodoloġiji tagħha b'mod konsistenti għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tagħha.

4. Fir-rigward tal-kapaċità ta' CRA li tissodisfa l-kriterji u r-regoli tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ECAF, il-prestazzjoni tal-klassifikazzjonijiet ta' CRA u l-assenjazzjonijiet ta' inadempjenza tagħha jridu jkunu konsistenti tul iż-żmien biex (a) jiżguraw l-immappjar xieraq tal-informazzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu pprovduta mis-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu skont l-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema u (b) biex iżommu l-komparabbiltà tar-riżultati mill-valutazzjonijiet tal-kreditu tas-CRA fis-sistemi u s-sorsi tal-ECAF. It-tabelli ta' tranżizzjoni tal-klassifikazzjoni osservati u l-istatistika tal-inadempjenza tas-CRA għandhom ikunu konformi mal-valuri mistennija abbażi tal-iskali tal-klassifikazzjoni tas-CRA stess, għaliex, kif stabbilit fl-Anness IX għal din il-Linja Gwida, id-devjazzjonijiet bejn ir-rati ta' inadempjenza osservati u l-probabbiltà ta' inadempjenza assenjata jistgħu jixħtu dubju fuq il-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-kreditu, u b'hekk ixekklu l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF.

5. Fir-rigward tal-kriterji operazzjonali:

   (a) CRA għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' kuljum lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema skont il-format u l-metodu ta' distribuzzjoni meħtieġ mill-Eurosistema;

   (b) CRA trid tiżgura aċċess fil-pront lill-Eurosistema għal informazzjoni rilevanti dwar il-klassifikazzjoni li hija meħtieġa għar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà u ta' monitoraġġ kontinwu tal-ECAF, inklużi stqarrijiet għall-istampa, rapporti ta' ħruġ ġodda, rapporti ta' sorveljanza, informazzjoni dwar il-kopertura ta' klassifikazzjoni, b'użu effiċjenti tar-riżorsi u b'kosteffiċjenza;

   (c) CRA trid tkun lesta li tidħol f'arranġamenti kuntrattwali mal-Eurosistema f'każ li tiġi aċċettata fl-ECAF b'aċċess suffiċjenti għad-*data* u bi ħlasijiet raġonevoli għall-aċċess.

6. Il-kriterji kollha ta' aċċettazzjoni fl-ECAF għandhom jiġu ssodisfati sabiex CRA tiġi aċċettata fl-ECAF. Peress li l-applikazzjoni għall-aċċettazzjoni fl-ECAF teħtieġ valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva teknika ħafna, l-Eurosistema tista' tivvaluta aktar fatturi rilevanti relatati mar-rekwiżiti ta' din il-Linja Gwida dwar l-ECAF, jekk meħtieġ.

IV. IL-KRITERJI TA' AĊĊETTAZZJONI FL-ECAF GĦALL-ECAIS U L-KONFORMITÀ MATUL IŻ-ŻMIEN

1. Il-kriterji ta' aċċettazzjoni għall-ECAIs iridu jiġu ssodisfati mis-CRAs fiż-żmien tal-applikazzjoni tagħhom għal aċċettazzjoni u f'kull ħin wara l-aċċettazzjoni tagħhom skont l-ECAF.

2. L-Eurosistema tista' tapplika miżuri skont l-Artikolu 126 ta' din il-Linja Gwida għal CRA li:

(a) tkun ġiet aċċettata fl-ECAF wara li tkun għamlet dikjarazzjonijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz irregolari ieħor; jew

(b) ma tibqax tissodisfa l-kriterji ta' aċċettazzjoni għall-ECAF.

Meta tinnotifika lis-CRA bid-deċiżjoni tagħha li tapplika miżuri skont l-Artikolu 126, l-Eurosistema tipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha."